

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Kummerċjali Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Slovakia](#)

Reġistri kummerċjali fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut minn
Slovakija

Slovakija



Din it-taqsimha tipprovidi ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru kummerċjali Slovakk.

X'informazzjoni fih ir-reġistru kummerċjali?

L-[Obchodný register](#) [ir-reġistru kummerċjali] huwa lista pubblika li fiha *data* statutorja li tikkonċerna lill-imprednturi, lill-kumpaniji u lil entitajiet ġuridiċi oħrajn, meta dan ikun meħtieġ minn leġiżlazzjoni separata.

Il-lista hija amministrata, mil-lat tekniku u ta' programmazzjoni, mill-[Ministerstvo spravodlivosti Slovenskej republiky](#) [il-Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakk].

Ir-reġistru kummerċjali jinżamm mir-registrové súdy [il-Qrati tar-Reġistru] (il-Qorti Distrettwali fis-sede tal-Qorti Reġjonali).

L-aċċess għar-reġistru tan-negozju huwa bla ħlas?

Ir-reġistru kummerċjali u r-reġistru tad-dokumenti huma miftuħa għal kulħadd. Aċċess għar-reġistru kummerċjali u estratti minnu huma suġġetti għal ħlas.

Madankollu, jekk xi ħadd jitlob estratt elettroniku mir-reġistru kummerċjali jew kopja elettronika ta' dokument iddepożitat jew konferma elettronika li dokument partikolari ma jkunx ġie ddepożitat fir-reġistru tad-dokumenti, il-qorti tar-reġistru toħroġ id-dokumenti rilevanti elektronikament u mingħajr ħlas.

Huwa possibbli wkoll li tapplika mingħajr ħlas għal estratt mir-reġistru kummerċjali, għal kopja ta' dokument iddepożitat jew għal konferma li dokument partikolari ma ġiex iddepożitat fir-reġistru tad-dokumenti permezz tas-sistema ta' interkonnessjoni għar-reġistri kummerċjali ċentrali, ir-reġistri kummerċjali u r-reġistri tal-kumpaniji (is-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS)).

Kif tfittex fir-reġistru kummerċjali

It-tiftix jista' jsir bis-Slovakk u bl-Ingliż.

Tista' tfittex fl-[obchodný register](#) skont:

- [obchodné meno](#) [l-isem kummerċjali]
- [identifikačné číslo](#) [in-numru ta' identifikazzjoni]
- [sídlo](#) [l-uffiċċju rreġistrat]
- [spisová značka](#) [numru ta' referenza]
- [priezvisko a meno osoby](#) [kunjom u isem il-persuna]

Kemm jista' wieħed joqgħod fuq id-dokumenti fir-reġistru?

L-Att Nru 513/1991 (il-Kodiċi Kummerċjali), kif emendat, jispeċifika meta tista' tiġi invokata d-*data* mdaħħla fir-

reġistru kummerċjali u, fejn xieraq, il-kontenut tad-dokumenti ddepożitati hemmhekk.

Id-*data* mdaħħla fir-reġistru kummerċjali hija effettiva fil-konfront ta' terzi mid-*data* tal-pubblikazzjoni tagħha. Il-kontenut ta' dokumenti li jridu jiġu ppubblikati bil-liġi huwa effettiv fir-rigward ta' partijiet terzi mid-*data* ta' notifika fil-Ġurnal Kummerċjali li d-dokumenti ġew depożitati fir-reġistru tad-dokumenti.

Minn dak il-punt 'il quddiem, terzi jistgħu jinvokaw id-*data* jew il-kontenut tad-dokumenti ppubblikati. Madankollu, dan ma japplikax jekk persuna rreġistrata tkun tista' turi li parti terza kellha għarfien preċedenti tad-*data* jew tal-kontenut tad-dokument.

Madankollu, persuna rreġistrata ma tistax tinvoka *data* ppubblikata jew il-kontenut ta' dokumenti fir-rigward ta' terzi fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni tagħhom f'każijiet fejn it-terzi jkunu jistgħu juru li ma setgħux ikunu jafu minn qabel b'dik id-*data* jew dak il-kontenut tad-dokument.

Wara dak il-perjodu, wieħed jista' joqgħod fuq id-*data* rreġistrata u l-kontenut tad-dokumenti ddepożitati fir-reġistru tad-dokumenti.

It-terzi dejjem jistgħu jinvokaw il-kontenut ta' dokumenti jew *data* li tkun għadha ma ddaħħlitx fir-reġistru kummerċjali jew għadha ma ġietx iddepożitata fir-reġistru tad-dokumenti, sakemm dak il-kontenut jew *data* ma jkollhomx effett vinkolanti biss wara li jiddaħħlu fir-reġistru kummerċjali.

F'każ ta' diskrepanza bejn *data* rreġistrata u *data* ppubblikata jew bejn il-kontenut ta' dokumenti ddepożitati u ta' dokumenti ppubblikati, il-persuna (il-kumpanija) irreġistrata tkun tista' toqgħod fuq il-verżjoni ppubblikata fil-konfront ta' terzi. Madankollu, jekk turi li parti terza kienet taf bil-kontenut tad-*data* rreġistrata jew bil-kontenut tad-dokument iddepożitat, hija tista' toqgħod fuqhom.

L-istorja tar-reġistru kummerċjali

Ir-reġistru kummerċjali ġie stabbilit fl-1992 wara l-adozzjoni tal-Att Nru 513/1991 (il-Kodiċi Kummerċjali) u ħa post ir-reġistru tal-kumpaniji li kien hemm qabel.

Il-Kodiċi Kummerċjali (l-Artikoli 27- 34) emenda l-kamp ta' applikazzjoni tar-reġistru kummerċjali sal-2004.

Fl-1 ta' Frar 2004, l-Att Speċjali Nru 530/2003 dwar ir-reġistru kummerċjali u li jemenda ċerti atti oħra daħal fis-seħħ u introduċa rekwiżiti legali ġodda applikabbli għar-reġistru kummerċjali. Wara l-introduzzjoni tal-att speċjali, ir-responsabbiltà tal-aspett legali tar-reġistru kummerċjali tneħħiet parzjalment mill-Kodiċi tal-Kummerċ.

Issa r-reġistru kummerċjali jinżamm b'mod elettroniku. Ir-reġistru tad-dokumenti jinżamm fuq il-karta u elettronikament. (Mill-1 ta' Ottubru 2020 ir-reġistru tad-dokumenti nżamm elettronikament sakemm ma jkunx previst mod ieħor fl-Att Nru 530/2003 (l-Att dwar ir-Reġistru Kummerċjali)).

Ħoloq relatati

[Ir-reġistru kummerċjali](#)

[Ir-reġistru kummerċjali tar-Repubblika Slovakka](#)

■ L-aħħar aġġornament: 25/04/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.